MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2126/2004

**Penza Tarmac Ltd. (C22138)
vs
Mario Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u erba' liri Maltin (Lm604) rapprezentanti l-ispejjez ta' xoghol u materjal inkorsi mill-istess socjeta` attrici skond il-prospett anness (Dok.A) b'rizultat tal-agir tal-konvenut meta dan abuzivament injora sinjali ta' triq maghluqa b'permess opportun mahrug mill-Awtorita` tat-Trasport (Dok.B) fit-Telgha t'Alla u Ommu u saq fuq tarmac li tqieghed frisk mis-socjeta` attrici.
Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-24 ta' Novembru, 2004, fejn gie eccepit :**
**i. Preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni stante li l-attur noe kien ipprezenta kontro-talba f 'istanza ohra fuq l-istess mertu, liema kontro-talba kienet giet michuda u l-attur ma hallasx l-ispejjez ta' dik il-kontro-talba qabel ma pprezenta din l-istanza u dana a tenur tal-Kap.12.**
**ii. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-eccipjent ma kkaguna ebda danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Ra l-verbal tas-16 ta' Dicembru, 2004, li bih il-konvenut irtira l-ewwel eccezjoni sollevata, cioe` l-eccezzjoni tan-nullita`.**

**Ra d-digriet tas-27 ta' Jannar, 2005 li bih t-Tribunal ordna li x-xhieda migjuba fl-avviz numru 1443/04jr tkun tapplika ghal dan il-process.**
**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Penza u Mario Aquilina.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. It-Tribunal qed jaghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet migjuba u ghall-konkluzjonijiet milhuqa fil-kawza fl-ismijiet « Mario Aquilina vs Carmel Penza » Avviz numru 1443/04jr.**
**2. Is-socjeta` attrici f'din il-kawza qed titlob danni ghall-hsara fit-tarmac li kienet qed taghti fit-Telgha t'Alla u Ommu, Targa Gap. Skond l-attur meta ghadda l-konvenut kienu qed jaghtu l-« wearing course », cioe` l-ahhar passata tat-tarmac.**
**3. Il-konvenut jghid li hu fil-fatt ghadda minn fuq it-tarmac l-antik u mhux minn fuq it-tarmac frisk.**
**4. L-attur ma gab ebda prova tangibbli tal-allegati danni, bhal ma setghu kienu ritratti li juru l-marka li halla l-konvenut bit-tyres tieghu.**
**5. Apparti minn dan it-Tribunal hu tal-fehma li dak li qed jghid l-attur dwar li fetah il-kawza ghad-danni mhux kredibbli minimament, u jidher bic-car li din il-**

**kawza infethet unikament minhabba li Aquilina fetah kawza kontra Penza ghad-danni li kkagunalu fil-karozza, cioe il-kawza « Mario Aquilina vs Carmel Penza » Avviz numru 1443/04jr.**

**6. In vista ta' dan it-Tribunal qed iqies it-talba tas-socjeta` attrici bhala wahda frivola u vessatorja ghall-ahhar. Tenut kont tal-Artikolu 10(3) tal-Kap.380, it-Tribunal iqies li s-socjeta` attrici ghandha thallas lill-konvenut penali fis-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75) in vista tal-vessatorjeta' tat-talba.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad it-talba tas-socjeta` attrici, jilqa' t-tieni eccezzjoni, jiddikjara li l-azzjoni intenta mis-socjeta` attrici bhala wahda frivola u vessatorja, u wara li ra l-artikolu 10(3) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta jikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------